MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 406/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Joanne Catherine Tedesco (K.I. 414689M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici tghid li l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija tnejn u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€752.62) in konnessjoni ma' 99223871 (AC50980096), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Settembru 2009; illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni; bl-ispejjez, inklu dawk tal-ittra ufficjali 2138/12, u bl-imghaxijiet sa mit-28 ta' Settembru 2012, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fis-17 ta' Marzu, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' mija tnejn u hamsin ewro u tnejn u sittin centezmu (€752.62) u dan bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2138/12 u bl-imghaxijiet mit-28 ta' Settembru 2012 sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------